# APRIL TA' 50 SENA ILU

*tagħrif storiku miġbur minn Charles Farrugia*

**Id-9 t'April 1942 żgur li għadha minquxa fil-memorja ta' l-anzjani tar-raħal tagħna. Kienet ġurnata li rat ħerba, biża' u mewt fost l-Imqabbin. It-tiġrif tal-knisja speċjalment tal-koppla kien ifisser il-qerda ta' l-isbaħ monument fir-raħal iżda wkoll tal-post li fih kienet tiżvolġi kull attività li ssir fir-raħal tagħna. Illum ħamsin sena wara sejrin inħarsu lejn dan l-avveniment kemm mill-aspett storiku kif ukoll dak sentimentali.**



It-Tieni Gwerra Dinjija għandha għeruq fil-fond u kienu ħafna r-raġunijiet li wasslu għaliha. Il-Lega tan-Nazzjonijiet ma ħallietx is-suċċess mixtieq. In-Nażżiżmu kien sar forza qawwija fil-Ġermanja u beda jitfa' ħarstu fuq pajjiżi oħra. Fl-Italja l-Faxxisti wkoll kienu mitlufa f'dagħdija ta' nazzjonaliżmu sfrenat. Il-qiegħa kompliet saħnet minħabba nuqqas ta' diplomazija u xewqa minn xi pajjiżi li jaħkmu oħrajn.

Fil-11 ta' Ġunju 1940, Mussolini daħħal lill-Italja fil-Gwerra. B'hekk bdiet it-theddida għal Malta. Mill-għada stess bdew l-attakki fuq gżiritna [1]. Minn hawn 'il quddiem il-ħajja tal-poplu Malti saret kalvarju kontinwu u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tiżdied il-ħruxija. Dan kompla tul is-snin 1941 u 1942.

Fl-għoxrin ta' Marzu 1942, bdiet kampanja aktar intensiva mill-għadu fuq Malta. Il-Luftwaffe bidel is-sistema u flok attakki iżolati bdew isiru attakki intensivi b'formazzjonijiet kbar ta' ajruplani speċjalment fuq il-mitjarijiet ta' Ħal-Far, Ta' Qali, Luqa u Kalafrana. [2]

Ir-rapporti uffiċjali ta' dak li ġara nsibuhom fir-reġistri ta' l-A.R.P. [3] Skond dawn is-sorsi, il-knisja ntlaqtet fl-air raid numru 2042 li kien reġistrat bejn is-siegħa neqsin kwart u s-sagħtejn u tnax-il minuta ta' wara nofsinhar. Il-ħsara kienet tikkonsisti f'dan li ġej; i. bombi li waqgħu fit-toroq San Bażilju, Triq il-Parroċċa u l-Pjazza li ġarrfu ħamsin dar u madwar mija oħra sofrew ħsarat, ii. waqgħet parti mill-knisja, iii. żewġ persuni mietu, sebgħa weġġgħu li fosthom sitta ddaħħlu l-isptar. Fl-istess jum intlaqtu l-knejjes ta' Ħal-Luqa u tal-Mosta fost oħrajn.[4] Fil-fatt in-numru ta' dawk li mietu kien tlieta u mhux tnejn bħal ma juri r-rapporti uffiċjali. [5] Dawn kienu Jane Busuttil, omm ta' wieħed u erbgħin sena, u ż-żewġ uliedha Mary ta' ħmistax u Salvina ta' erbatax-il sena. [6]

Deskrizzjoni impressjonanti ta' dak li ġara fid-9 t'April, hi dik ta' George Hogan fil-ktieb tiegħu Malta: The Triumphant Years 1940-43'. Hogan li kien uffiċjal fl-armata ra b'għajnejh stess dan l-avveniment tal-biża'. Hu jgħid li l-attakk dam kwarta u li ftit kienu jistennew attakk tant intensiv fuq irħula bħal dak ta' l-Imqabba. Meta waslu l-bombers il-biċċa l-kbira tan-nies kienu diġà jinsabu fix-xelters għajr għal xi ftit xjuħ u morda li baqgħu fi djarhom. It-tabib u l-Protection Officer kienu f'kamra magħmula apposta biex jgħinu lill-feruti. Hogan ikompli li toroq bħal dawk ta' l-Imqabba m'humiex xi post sabiħ biex tkun fihom f'xi attakk bħal dak. Meta l-aħħar nies li kien baqa' ndunaw bil-ħruxija ta' l-għadu u ppruvaw jaslu ġox-xelter, mhux kulħadd irnexxielu. Bħala l-ewwel għajnuna waslu grupp ta' l-istretcher mill-kumpanija D tal-Hampshire Regiment iżda kien kollu għalxejn.

Matul l-attakk in-nies fix-xelters kienu qed jgħidu r-rużarju u l-arja ta' barra kienet fgata bit-trab u riħa ta' kurdaj. L-ajruplani ġew fis-siegħa neqsin kwart u telqu fis-siegħa ta' wara nofsinhar. Il-bomba baqgħet dieħla mill-koppla. L-arloġġ waqaf fis-siegħa. B'miraklu l-kappillan baqa' ħaj u niżel ifarraġ il-poplu. [7]

Persuna oħra li għadha tiftakar sewwa ħafna dak li ġara fid-9 t'April 1942 hu Mons. Lawrenz Spiteri D.D. li dak iż-żmien kien kappillan ta' l-Imqabba. Hu kellu dan li ġej xi jgħid, ' ... dakinhar waqgħet il-knisja u d-dar tiegħi wkoll. Kienu nqabdu xi erbgħa ġewwa, jien kont fix-xelter man-nies, fejn hemm l-istatwa ta' Santa Marija li kienet 'l ġewwa aktar minn fejn qiegħda llum, kienet fejn iż-żebbuġa ... Meta tlajt sibt il-knisja u diversi djar imwaqqgħa u ttrasportajna l-knisja f'San Bażilju'.[8]

Tajjeb li naraw ukoll x'kienu l-ħsarat li ġraw fil-knisja. Il-bomba li laqtet il-knisja ġarrfet il-koppla u l-kappellun tal-Kunċizzjoni. Il-Koppla l-antika kienet impittra minn Filippo Venuti, artist minn Ruma, u kienet turi l-Verġni Marija qed tiġi nkurunata mit-Trinità Mqaddsa, waqt li mad-dawra ta' taħt il-koppla kienu jidhru l-erba' Evanġelisti li minn dawk oriġinali baqa' biss San Luqa.[9]

*Ikompli f'paġna 57*



*Jidhru l-Fdalijiet tal-Koppla wara l-attakk tad-9 ta' April 1942*

L-anzjani tar-raħal tagħna wkoll ifakkruna fil-ħsara li ġarrbet l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fl-istess attakk. Huma jsostnu li minkejja li l-istatwa ntradmet kompletament, mirakolożament ma sofrietx ħsarat kbar. Li hu żgur hu li tkissret ras is-serp u l-istess ġara lis-serp ta' taħt il-Kunċizzjoni fiz-zuntier tal-knisja. Dawn id-dettalji ma nsibuhomx imniżżlin fl-arkivji tagħna, iżda żgur li ma nistgħux inwarrbuhom.

Fis-26 ta' Frar 1945, il-Gvernatur Sir Edmond Schreiber għamel żjara fl-Imqabba u fost affarijiet oħra l-kappillan Spiteri ħadu jara l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju li kienet għadha kif ħelsitha mill-qerda ta' l-għadu. [10]

L-avvenimenti li seħħew fid-9 t'April kif ukoll il-ħruxijiet tat-Tieni Gwerra dinjija, laqtu lill-Imqabbin fil-laħam il-ħaj. Min-naħa tagħhom niesna ma naqsux li jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom f'mument hekk importanti għal pajjiżna. Forsi l-akbar prova ta' dan tinsab fil-kliem tal-kappillan ta' dak iż-żmien Spiteri. F'ittra li kiteb lill-Gvernatur fit-2 ta' Novembru 1942 biex il-Gvern jintervjeni finanzjarjament u jsewwi l-ħsara fil-knisja, sejjaħ lill-Imqabbin bħala 'nies li fid-difiża ta' għzirithom sofrew tbatija kbira.' [11]

Nagħlaq dan l-artiklu b'poeżija ta' George Hogan li hu kiteb meta kien qed iservi fil-militar fl-inħawi ta' l-Imqabba:

## MQABBA - NAZI QUARTER OF AN HOUR

A quarter to one; you can hear the clock chime.
We're proud of the clock and we love the old church.
It is glorious spring and we look at the time
Through the weird banshee wails and we hear the Hun search.

The drone of the planes and the rushing of wind!
The thunder! The lightning! The tall buildings lurch.
Bomb dust and bricks! (O God, have we sinned?)
The debris, the craters, the hole in the church.

The ruin of homes, the stone and the dead.
The paintings of saints and the priest in his frock.
The clock tower intact, though its heart must have bled.
For its pulse beats no more, and it stares – one o'clock!

***Noti u Referenzi:***

1. Micallef J., *When Malta Stood Alone 1940-43* (Malta 1981), p.7.
2. Malizia N., *Inferno Su Malta* (Milano 1976), pp. 185, 186.
3. L-A.R.P. (Air Raid Precautions kienet organizzazzjoni bil-ħsieb li jagħtu l-għajnuna lin-nies korruti, ifittxu n-nies mirduma u jħarsu l-poplu f'periklu ta' ħbit mill-ajru).
4. N.A.R. (National Archives Rabat): *A.R.P. Bundle 25.*
5. Dan minħabba li probabbli waħda mill-vittmi mietet aktar tard fl-isptar.
6. Vella P., *Malta: Blitzed but not Beaten* (Malta 1985), p. 270 Lista tal-vittmi kollha tal-gwerra fl-Imqabba tinsab fuq il-lapida li hemm mal-knisja parrokkjali.
7. Hogan G., *Malta the Triumphant years 1940-43*, p. 59/60.
8. Intervista li għamilt ma' Mons. Spiteri fid-dar tiegħu fir-Rabat fil-11 ta' Marzu 1991.
9. The Sunday Times, 31.1.1988, p.14, *Works of Art in Malta – Losses and Survivals.*
10. Times of Malta – 9.3.1945; 'the Parish Priest ... escorted the Governor pointing out several old oil paintings in the Parish Church including the statue of Our Lady which had escaped destruction when the church suffered a direct hit during an aerial enemy attack.'
11. N.A.R., *L.G.O. 4764/42*, 'these poor villagers who in defence of the island and the Empire had to suffer untold pains in the present war.'
12. Hogan G., *The Triumphant Years 1940-43*,p. 60.